**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Dicembru 2018**

**Talba Nru: 45/18 CZ**

**Nicholas Bonello**

**vs.**

**Energy Management Solutions Limited**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur mressqa fit-22 ta' Jannar 2018 u li permezz taghha talab minghand is-socjeta' konvenuta l-hlas ta' tlett'elef, erba' mija u tlieta u sebghin Euro, ghas-segwenti ragunijiet:

1. L-attur kien hallas l-ammont ta' tlett'elef Euro (€3,000) bhala depozitu akkont lis-socjeta' intimata ghall-akkwist ta' sistema ta' pannelli. Illi dawn il-pannelli qatt ma gew konsenjati lilu mis-socjeta' intimata u ghalhekk kien talab li

jithallas id-depozitu lura liema depozitu ma giex rifuz lura u dan minghajr raguni valida.

2. L-attur huwa wkll dovut is-somma ta' erba' mija u tlieta u sebghin Euro (€473) eskluz il-VAT, rapprezentanti materjal, ossia gebel, illi l-attur biegh lis-socjeta' intimata sabiex l-istess socjeta' intimata terga' tuzah ghan-negozju taghha, u li din, minkejja illi gabret u ghamlet uzu minnu, naqset milli thallas lill-attur l-ammont dovut lilu, u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex twettaq l-obbligazzjonijiet taghha.

Ghaldaqstant, l-attur umilment jitlob lil dana l-Onorabbli Tribunal jordna lis-socjeta' konvenuta thallsu s-somma ta' tlett'elef, erba' mija u tlieta u sebghin Euro (€473) oltre l-VAT kalkolabbli fuq l-ammont ta' €473, rapprezentanti rifuzjoni ta' depozitu mghoddi lis-socjeta' intimata u kif ukoll il-hlas ta' materjal issuplit [sic] lilu.

Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali mid-data ta' meta sar il-hlas tad-depozitu u kif ukoll mid-data ta' meta inghata l-materjal lis-socjeta' intimata, sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta prezentata mis-socjeta' konvenuta fit-3 ta' Mejju 2019, fejn eccepiet:

1. Illi r-rikorrenti dahal f'kuntratt t'appalt mas-socjeta' intimata ghas-sistema ta' pannelli fotovoltajci ghall-ammont ta' tmint'elef Euro (€8,000);
2. Illi bi ftehim bejn il-partijiet, ir-rikorrent forna bi tlett'elef, erba' mija u tlieta u sebghin Euro (€3,473) f'gebel, liema gebel kellu jintuza mill-intimat sabiex jinstalla pannelli fotovoltajci;

3. Illi tlett'elef Euro (€3,000) f'gebel tnizzlu bhala depozitu akkont tas-sistema fotovoltajka kollha li tiswa tmint'elef Euro (€8,000) u ghalhekk is-socjeta' intimata qatt ma rceviet is-somma ta' tlett'elef Euro (€3,000) fi flus kontanti;
4. Illi r-rimanenti bilanc rapprezentat f'gebel, u cioe' l-erba' mija u tlieta u sebghin Euro (€473) f'gebel, irrizulta illi kien gebel sol (ta' kwalita' inferjuri) u ghalhekk li l-intimat kellu jidhol fi spejjez addizjonali sabiex igib konsenja ohra ta' gebel sabiex ikun jista' jiggestixi n-negozju tieghu;

Ghalhekk is-socjeta' konvenuta umilment titlob lil dan it-Tribunal sabiex jichad it-talbiet ta' l-attur bhala minghajr bazi fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez.

Illi s-socjeta' konvenuta, ressqet ukoll kontro-talba li biha ppremettiet:

Illi t-talba tar-rikorrent hija fondata fil-fatt u fid-dritt stante illi s-somma ta' tlett'elef Euro (€3,000) qatt ma thallset lil-konvenut fi flus kontanti izda nghatat f'gebel, liema ammont tnizzel bhala depozitu akkont ta' sistema ta' pannelli fotovoltajci li tiswa tmint'elef Euro (€8,000);

Illi l-erba' mija u tlieta u sebghin Euro (€473) f'gebel fornut lis-socjeta' intimata rrizulta li kien gebel sol u ghalhekk ma kienx ta' kwalita' tajba sabiex jintuza mill-istess konvenut sabiex jiggestixxi n-negozju tieghu;

Illi di piu', is-socjeta' intimata, wara l-ftehim ta' bejgh illi kien hemm bejn il-partijiet, ordnat il-pannelli fotovoltajci ghar-rikorrent, li mhux talli harget il-flus sabiex timporta dawn l-istess pannelli, izda talli r-rikorrent rtira mill-ftehim ta' xiri minghajr raguni valida bit-tali konsegwenza li l-istess socjeta' baqghet bil-pannelli mhux mibjughin fl-istores taghha;

Illi s-socjeta' intimata ghadha lesta sabiex tikkonkudi l-ftehim ta' xiri-bejgh tas-sistema ta' pannelli;

Illi fin-nuqqas ta' dan, is-socjeta' intimata qieghda titlob lir-rikorrent il-hlas ta' hamest'elef Euro (€5,000) rapprezentanti l-hlas ta-kumplament tas-sistema.

Ghaldaqstant is-socjeta' intimata umilment titlob lil dan it-Tribunal sabiex:

1. Jiddikjara li s-somma ta' tlett'elef Euro (€3,000) mhix dovuta mis-socjeta' intimata stante li din is-somma thallset f'gebel akkont ta' sistema fotovoltajka;
2. Jiddikjara li l-€473 f'gebel mhix dovuta mis-socjeta' intimata stante illi l-gebel ma kienx ta' kwalita' tajba;
3. Jordna lir-rikorrent rikonvenzjonat sabiex jikkonkludi l-ftehim ghal xiri ta' sistema ta' pannelli stante lis-socjeta' intimata ghadha disposta illi tbiegh il-pannelli lir-rikorrent;
4. Fin-nuqqas ta' dan, jordna lir-rikorrent ihallas il-kumplament tas-somma, u cioe' is-somma ta' hamest'elef Euro (€5,000) lis-socjeta' intimata.

Illi l-attur rikonvenzjonat ressaq risposta ghall-kontro-talba fl-24 ta' Mejju 2018 li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament u fl-ewwel lok il-forma utitlizzata ghall-kontro-talba ma hix dik rikjesta mil-ligi;
2. Illi fit-tieni lok, it-Tribunal mhuwiex kompetenti ratione valoris biex jisma' u jaqta' t-talbiet tas-socjeta' intimata rikonvenzjonanti. Illi t-talba rikonvenzjonanti tikkonsisti f'talba sabiex jigi konkluz negozju li b'kollox jammonta ghas-somma ta' tmint'elef Euro (€8,000), u li ghalhekk tali ammoont jezorbita l-kompetenza li ghandu dan l-Onorabbli Tribuna li hu limitat b'talbiet li ma jistghx jeccedu izjed minn hamest'elef Euro (€5,000);

3. Illi fit-tielet lok, it-Tribunal mhuwiex kompetenti *ratione materiae* li jisma' u jaqta' t-tabiet tas-socjeta' intimata rikonvenzjonanti sabiex jordna lir-rikorrent rikonvezjonat sabiex jikkonkludi l-ftehim ghax-xiri ta' sistema ta' pannelli fotovoltajci stante illi lis-socjeta' intimata rikonvenzjonanti qed titlob l-adempiment u l-ezekuzzjoni ta' obligazione *di fare* u mhux *di dare*;
4. Illi fir-raba' lok, jekk it-talba tas-socjeta' intimata rikonvenzjonanti hija bazata fuq kuntratt t'appalt, f'dak il-kaz it-tabiet tas-socjeta' intimata rikonvenzjonanti huma preskritti bit-terminu ta' sentejn, ai termini ta' l-Artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Illi fil-hames lok, jekk it-talba tas-socjeta' intimata rikonvenzjonanti hija bbazata fuq bejgh, f'dak i-kaz it-talbiet tas-socjeta' intimata rikonvenzjonanti huma preskritti bit-terminu ta' tmintax-il xahar, ai termini ta' l-artiklu 2148 (b) tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi rrilevantement jekk ir-rikorrenti kienx hallas id-depozitu f'kontanti jew b'materjal, il-fatt jibqa' li l-bejgh tal-pannelli gie kancellat u ghalhekk id-depozitu ghandu jigi rifuz.
7. Illi inoltre minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' intimata rikonvenzjonanti qatt ma ghamlet il-konsenja tas-sistema tal-pannelli fotovoltajci u fl-ebda okkazjoni ma kkomunikaw mar-rikorrenti rikonvenzjonat sabiex jinstallawlu l-pannelli fotovoltajci u dan minkejja li s-socjeta' intimata rikonvenzjonanti kienet anke hadet hsieb sabiex tapplika f'isem ir-rikorrenti rikonvenzjonat ghall-isema tar-*rebate* mal-*Malta Resources Authority*. Din hija l-ewwel darba lis-socjeta' intimata rikonvenzjonanti interpellat lir-rikorrenti rikonvenzjonat sabiex jersaq sabiex jikkonkludi x-xiri. Illi in vista illi s-socjeta' intimata rikonvenzjonata qatt ma ghamlet konsenja, li b'kollox kienet tinkludi erbatax (14)-il pannell fotovoltajku, sussegwentement ir-rikorrenti rikonvenzjonat kien ghamilha cara li mhux ser jiehu l-pannelli fotovoltajci u diversi drabi interpella lis-socjeta' intimata rikonvenzjonanti sabiex troddlu lura d-depozitu fl-ammont ta' tlett'elef Euro (€3,000) u in oltre, teffetwa hlas ta'erba' mija, tlieta u sebghin euro (€473) rapprezentanti l-valur tal-gebel li huwa kien forna lis-socejta' intimata rikonvenzjonanti.
8. Illi finalment, minkejja l-allegazzjonijet taghha rigward il-kwalita' tal-gebel liema allegazzjonijiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt, is-socjeta' intimata

rikonvenzjonanti zammet il-gebel kollu fornit mir-rikorrenti rikonvenzjonat illi jammonta ghas-somma ta' erba' mija u tlieta w sebghin Euro (€473) u qatt ma raddet lura l-materjal u wisq inqas ghamlet hlas.

9. Illi t-talbiet rikonvenzjonanti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda;

Sema' t-trattazzjoni ta' l-abbli avukati difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel tliet (3) eccezzjonijiet ghall-kontro-talba.

It-Tribunal qies ix-xiehda tal-attur[1] u ta' Jean Paul Micallef[2].

Ikkunsidra:

[1] Seduta tal-31 t'Ottubru 2018

[2] Seduta tas-26 ta' Settembru 2018

Illi t-Tribunal sejjer jikkunsidra f'din is-sentenza limitatament l-ewwel tliet eccezzjonijiet tal-attur rikonvenzjonat ghall-kontro-talba.

Illi l-attur xehed illi xoghlu jbiegh il-gebel, u kien biegh xi gebel li l-prezz relattiv ghalih (tlett'elef Euro) inqaleb f'depozitu akkont ta' xiri, da parti ta' l-istess konvenut, ta' pannelli fotovoltajci minghand is-socjeta' konvenuta, li kellhom jiswew tmint'elef Euro (€8,000) u kellhom jigu installati fuq l-oghla bejt tal-propjeta' tal-konvenut.

Illi <u>Jean Paul Micallef</u> ghas-socjeta' konvenuta xehed dwar kif l-attur kien ordna sistema ta' pannelli u ta d-dettalji relattivi ghall-istess sistema. Qal li finalment l-attur ma accettax li dawn jitwahhlu ghax kellu dubju dwar il-kwalita'. Zied illi l-valur tal-pannelli kien ta' tmint'elef Euro (€8,000), u li kien qed jitlob lit-Tribunal li jordna lill-attur jixtri l-pannelli minghand is-socjeta' konvenuta.

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-attur rikonvenzjonat hija dik fis-sens illi l-forma utitlizzata ghall-kontro-talba ma hix dik rikjesta mil-ligi. L-attur hawnhekk qed jirreferi ghall-fatt illi permezz ta' l-ewwel zewg talbiet tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti qed titlob lil dan it-Tribunal jiddikjara illi kemm l-ammont ta' tlett'elef Euro (€3,000) kif ukoll l-ammont l-iehor ta' erba' mija u tlieta u sebghin Euro (€473), li spjegazzjoni dwarhom inghatat fix-xiehda, li ma humiex dovuti. Fil-verita' dawn huma talbiet li ghandhom iktar il-bixra ta' eccezzjoni ghat-talba promotrici, u fihom mhu qed jintalab xejn dwar mertu separat, izda konness, bhal ma wiehed jistenna li jsir f'kontro-talba. Ghal dan il-ghan, din l-eccezzjoni tisthoqq li tintlaqa'.

Illi dwar it-tielet talba, cioe' dik fejn qed jintalab li t-Tribunal jordna lill-attur jixtri minghand is-socjeta konvenuta, it-Tribunal jiddikjara illi dan imur lil hinn mill-

kompetenza tieghu, u dan semplicement ghaliex Artikolu 3(2) tal-Kap. 380 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi illi:

> (2) Bla ħsara għas-subartikolu (5), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma’ u jaqta’ biss it-talbiet kollha ta’ flus ta’ ammont ta’ mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)

Illi jsegwi ghalhekk illi t-Tribunal jista’ jisma’ u jaqta’ biss talbiet ‘ta’ flus’, u mhux sabiex jitwettaq xi att. Ghalhekk it-tielet eccezzjoni tisthoqq ukoll li tintlaqa’.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni, din qed tindirizza r-raba’ talba fil-kontro-talba. L-attur rikonvenzjonat isostni illi peress illi l-oggett ghall-bejgh (pannelli fotovoltajci) kienu jiswew tmint’elef Euro, huwa ma jistax jigi ordnat ihallas hamest’elef Euro (€5,000) li kien ghad baqaghlu jhallas minn din is-sistema, u dan ghaliex it-Tribunal irid iqis il-prezz shih ta’ l-oggett u mhux l-ammont li skond is-socjeta’ konvenuta rikonvenzjonanti ghadu dovut.

Illi t-Tribunal ra illi l-valur tal-pannelli kien ta’ tmint’elef Euro, u dan qablu fuqu kemm l-attur kif ukoll Jean Paul Micallef ghas-socjeta’ konvenuta. Dan ifisser li l-ammont mitlub mis-socjeta’ konvenuta rikonvenzjonanti huwa parti minn ammont ikbar li fil-verita’ imur lil hinn mill-kompetenza ta’ dan it-Tribunal. Issir referenza f’dan il-punt ghas-sentenza *Antonia Attard Gialanze’ vs. Rita Borg*[3], fejn intqal illi:

> Illi ghalhekk meta l-konvenuta eccepiet il-pagament per saldu dana kien jimplika li kemm-il darba hemm nuqqas ta’ qbil dwar xi hlasijiet ezattament saru akkont tas-somma shiha surreferita, allura jfisser li l-ammont kollu jkun qieghed jigi mess in dubbju ossija kkontestat u mhux dak il-bilanc biss li l-attrici jidhrilha li kien ghad baqa’ dovut. Illi ghalhekk ifisser ukoll li l-kontestazzjoni tkun tezorbita mill-kompetenza guridika assenjata bil-ligi lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

[3] Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) per Onor. Imhallef Joseph A. Filletti – 23 ta’ Frar 2001

Illi lit-Tribunal jirrizultalu illi l-attur rikonvenzjonant fl-eccezzjonijiet tieghu ghall-kontro-talba f'dan il-kaz qieghed jikkontesta issa anke l-hlas tas-somma ta' tlett'elef Euro (€3,000), u dan peress illi skond hu il-bejgh huwa kancellat, primarjament ghaliex il-pannelli ma kinux se jitqieghdu fejn riedhom hu u fejn imwieghed originarjament mis-socjeta' konvenuta.  Minghajr ma t-Tribunal jidhol fil-mertu u dwar jekk l-attur kellux ragun fuq dan il-punt, ladarba l-attur qed jikkontendi li l-bejgh thassar, jista' jaghti l-kaz li s-somma <u>kollha</u> ta' tmint'elef Euro tigi mqieghda f'dubju, u mhux biss il-hamest'elef Euro (€5,000).  It-Tribunal jiddikjara ghalhekk illi s-somma li qed tigi diskussa fil-verita' hiija dik ikbar, u cioe' dik ta' tmint'elef Euro (€8,000), u mhux dik ta' l-ammont bilancjali (jekk jista' jissejjah bilancjali, u dan skond mhu ha jirrizulta 'l quddiem) ta' hamest'elef euro (€5,000).  Ghalhekk it-tieni eccezzoni timmerita wkoll li tintlaqa'.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dwar l-ewwel tliet eccezzjonijiet ghall-kontro-talba billi jilqa' l-istess tliet eccezzjonijiet, u jichad it-talbiet tas-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti kif maghmula fil-kontro-talba taghha.  L-ispejjez ta' din il-vertenza jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur